MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 53/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-9 ta’ Frar, 2007 li permezz tiegħu l-atturi esponew bir-rispett:

Illi l-attriċi kellha t-tarbija li twieldet fit-28 ta’ April, 2005 u dan meta hija kienet ilha separata *de facto* mill-2002 u separata legalment meta kienet diġa’ tqila bit-tarbija.

Illi t-tarbija de quo hija X li twieled fit-28 ta’ April, 2005 skond iċ-ċertifikat hawn anness Dok. A.

Illi t-tarbija m'hijiex bint (sic) il-konvenut, għalkemm ġiet reġistrata fuq ismu, u fil-fatt hija bint (sic) l-attur l-ieħor f'din il-kawża.

Jingħad għalhekk mill-konvenut għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

(1) Tiddikjara li t-tarbija X li twieled mill-attriċi u mniżżel fiċ-ċertifikat tat-twelid bħala iben il-konvenut, mhux fattwalment u legalment iben il-konvenut.

(2) Tiddikjara li missier it-tarbija huwa C, l-attur l-ieħor.

Il-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jirrispondi.

Rat l-affidavits ta' l-atturi, ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li t-tarbija msemmija fir-rikors ġuramentat tiġi reġistrata bħala iben il-konvenut, li huwa r-raġel ta' l-attriċi, iżda li sseparaw fl-istess sena li twieldet it-tarbija.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja*

*li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili, meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubbju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubbju dwar it-talba attriċi.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi;**

**1. tiddikjara li X li twieled mill-attriċi m'huwiex fattwalment iben il-konvenut;**

**2. tiddikjara li l-attur hu missier naturali tal-minuri X imsemmi fir-rikors.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------